

Għarfien dwar il-baħar 2020

DEJTA U OSSERVAZZJONI
TAL-BAĦAR GĦAT-TKABBIR
INTELLIĠENTI U SOSTENIBBLI



**Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet
għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea.**

Numru tat-telefon waħdieni bla ħlas*:

00 800 6 7 8 9 10 11

*Ċerti operaturi tat-telefonija ċellulari ma jippermettux aċċess għal numri 00 800
jew inkella dawn it-telefonati jkunu bi ħlas.

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-internet.
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server *Europa* (<http://europa.eu>).

Informazzjoni dwar il-katalogar tinsab fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2010

ISBN 978-92-79-16456-9

doi:10.2771/6056

© L-Unjoni Ewropea, 2010

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Ritratt ta' fuq il-qoxra: Mappa ta' qiegħ il-baħar bl-użu tat-teknoloġija lidar mill-ajru (il-bajja ta' Clew, l-Irlanda),

© Marine Institute

Printed in Belgium

STAMPAT FUQ KARTA BAJDA ĦIELSA MILL-KLORUR

Il-Kummissjoni Ewropea

Għarfien dwar il-baħar 2020

Dejta u osservazzjoni tal-baħar għat-**tkabbir**
intelliġenti u sostenibbli

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill

Netwerk Ewropew ta' Osservazzjoni u Dejta Marittima

Valutazzjoni tal-impatt
Sommarju Eżekuttiv

Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni

Id-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd



Kelmtejn qabel



L-istrategġija Ewropa 2020 tirrikonoxxi li l-għarfien iwassal għall-innovazzjoni, li min-naħa l-oħra din iġġib magħha tkabbir li hu kemm sostenibbli u kemm intelliġenti. Għall-ekonomija marittima, ħafna minn dan l-għarfien jiddependi mill-osservazzjonijiet tar-ritmi u ċ-ċikli tal-baħar. Madankollu, id-dejta miġbura minn dawn l-osservazzjonijiet tista' tiġġenera biss għarfien u innovazzjoni jekk l-inġiniera u x-xjentisti tal-Ewropa jkollhom il-ħila jsibuha, jaċċessawha, jiġbruha u japplikawha b'mod effiċjenti u rapidu. Bħalissa, ħafna drabi dan mhux qed ikun il-każ.

Il-mira tal-inizjattiva tal-Kummissjoni "Għarfien dwar il-Baħar 2020" hi li tillibera u tiġbor dejta dwar il-baħar minn sorsi differenti u tiffaċilita l-użu tagħha għal għanijiet oħrajn lil hinn minn dawk li kienet oriġinarjament biħsiebha tilħaq. Dan l-approċċ se jkollu tliet vantaġġi ewlenin.

L-ewwel nett, se jtejjeb l-effiċjenza tal-korpi privati, tal-awtoritajiet pubbliċi u tar-riċerkaturi kollha li bħalissa jużaw id-dejta dwar il-baħar. Il-għbir u l-ipproċessar tad-dejta inkompatibbli minn sorsi eteroġeni se jieħdu inqas ħin u se jirrikjedu inqas sforz.

It-tieni, se jiftaħ opportunitajiet ġodda u għandu jwassal għall-innovazzjoni fl-ekonomija marittima. Ninsab kunfidenti li aċċess universali u affidabbli għal dejta eżatta dwar il-baħar se jgħin sabiex is-settur tan-negozju Ewropew joffri prodotti u servizzi li ħadd qabel ma kien jistenna.

U t-tielet, għandu jnaqqas l-inċertezzi fl-għarfien tagħna dwar l-imġiba tal-ibħra u l-oċeani. Dan ma jkunx ta' vantaġġ biss għal dawk li jgħixu u jaħdmu fuq il-baħar jew max-xatt. Iċ-ċirkolazzjoni fl-oċeani tħalli impatt fuq il-klima tal-art. Għarfien aħjar dwar il-baħar mhuwiex biżżejjed biex wieħed ikun jista' jbassar aħjar is-sevrità jew in-nuqqas tagħha tal-istaġuni futuri fl-Ewropa. Madankollu dan l-għarfien hu neċessarju. Għalhekk għarfien aħjar dwar il-baħar jista' jikkontribwixxi lejn l-adattament tal-Ewropa għat-tibdil fil-klima.

Diġà qed jitwaqqaf Netwerk Ewropew ta' Dejta dwar l-Osservazzjonijiet dwar il-Baħar (EMODnet) minn konsorzju ta' korpi Ewropej biex jiffaċilita aċċess għal dejta f'għadd limitat tal-baċiri tal-baħar għal dawk il-korpi pubbliċi u privati li għandhom bżonnha. L-utenti jistgħu jniżżlu mhux biss id-dejta, imma wkoll informazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kejl. Saret enfasi dwar in-nuqqasijiet li hemm fin-netwerks ta' osservazzjoni.

Il-miżuri l-oħra li nipproponu se jgħinuna nisfruttaw il-potenzjal ta' riżorsa li tkopri 71 % tal-pjaneta. Flimkien jirrappreżentaw sensiela koerenti ta' kontribuzzjonijiet minn oqsma differenti fil-politika tal-UE u fil-fatt din l-inizjattiva hija eżempju konkret tal-vantaġġi tal-politika marittima integrata tal-UE li għadha kif nibtet.

Maria Damanaki

Kummissarju għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd



Għarfien dwar il-baħar 2020

Dejta u osservazzjoni tal-baħar għat-
tkabbir
intelliġenti u sostenibbli

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill

KUMM(2010) 461

Il-werrej

1.	Kuntest	7
2.	Sfidi kurrenti	8
3.	Għanijiet	8
4.	Żvilupp tal-istrumenti tal-UE eżistenti	9
4.1.	Id-Direttivi tal-UE	9
4.2.	Qafas tal-Ġbir tad-Dejta għas-sajd (DCF)	10
4.3.	L-inizjattiva għall-Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà (GMES)	10
4.4.	Is-Sistema dwar l-Informazzjoni Ambjentali Kondiviża SEIS u WISE-Marine	10
4.5.	ur-EMODnet	11
4.6.	L-UE u l-aġenziji nazzjonali	11
4.7.	Dejta kostali	11
4.8.	Proposti għat-titjib tal-istrumenti eżistenti	12
5.	Lejn arkitettura tad-Dejta tal-baħar operazzjonali	15
6.	Tmexxija tal-proċess	16
7.	Żmien	16

1 | Kuntest

L-għarfien huwa l-magna għat-*tkabbir sostenibbli fl-ekonomija globali interkonnessa u għalhekk element ewlieni sabiex jinkiseb it-*tkabbir intelliġenti fl-Unjoni Ewropea f'konformità mal-istrateġija tal-*"Ewropa 2020"* (1). It-titjib tal-għarfien dwar l-ibħra u l-oċeani li flimkien jagħmlu 71 % tal-wiċċ tal-pjaneta tagħna huwa wieħed mit-tliet għodod tal-politika marittima integrata tal-UE (2) li jikkonċernaw lil kulħadd. Fil-fatt l-għarfien dwar il-baħar jista' jgħin ukoll fil-kisba taż-*żewġ għodod l-oħrajn – l-ippjanar spazjali aħjar u s-sorveljanza marittima integrata. Il-kobor tal-bidliet futuri fis-sistemi oċeaniċi, l-impatt tagħhom fuq l-attività umana u r-reażjo-nijiet fuq l-oċean minn dawn il-bidliet fl-imġiba umana ma jistgħux jiġu mbassra mingħajr ma wieħed jifhem il-mod kif taħdem is-sistema issa u kif kienet taħdem fil-passat. L-għarfien huwa neċessarju biex jinkiseb status ambjentali tajjeb tal-ilmijiet tal-baħar, skont id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (Direttiva ta' Qafas dwar l-Istrateġija tal-Baħar), il-kolonna ambjentali tal-politika marittima integrata. L-għarfien huwa komponent ewlieni tal-pjan tal-UE biex tintegra r-riċerka tal-baħar u dik marittima (3) u kontribuzzjoni għall-Aġenda Diġitali (4).***

Il-*ħolqien tal-għarfien tal-baħar jibda bl-osservazzjoni tal-baħar u tal-oċeani. Id-dejta minn dawn l-osservazzjonijiet tiġi assemblata, u wara tiġi analizzata biex toħloq l-informazzjoni u l-għarfien. Sussegwentament l-għarfien jista' jiġi applikat biex irendi tkabbir intelliġenti sostenibbli, biex jivvaluta s-saħħa tal-ekosistema tal-baħar jew biex jiproteġi l-komunitajiet kostali.*

Din il-Komunikazzjoni tikkonċerna l-aktar l-ewwel *żewġ stadji tal-katina tal-proċess – jiġifieri l-*għbir u l-assemblaġġ tad-dejta – abbażi tal-fatt li l-informazzjoni pubblika hija fundamentalment oġġett pubbliku tajjeb li minnha jistgħu jibbenifikaw ħafna partijiet interessati filwaqt li l-applikazzjonijiet huma aktar speċjalizzati u jistgħu jiġu indirizzati permezz tas-suq jew permezz ta' inizzjattivi ta' politika immirati. Il-*ġabra tad-dejta hija l-aktar ir-responsabbiltà tal-Istati Membri, għal raġunijiet ta' sussidjarjetà. L-UE għandha l-potenzjal li żżid il-valur fil-fażi tal-assemblaġġ minħabba l-bżonn li tiġi żgurata koerenza transkonfinali u bejn komunitajiet ta' utenti differenti.***

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar politika marittima integrata tas-16 ta' Novembru 2009 (5) iħeġġu lill-Kummissjoni biex tagħmel proposti dwar it-titjib tal-użu tal-għarfien xjentifiku. Din il-Komunikazzjoni twieġeb għal din it-talba billi tispjega l-każ għal approċċ aktar koordinat lejn il-*għbir u l-assemblaġġ tad-dejta tal-baħar u tiddekrivi pjan ta' azzjoni fejn il-miżuri tal-politika tal-UE differenti qed jikkontribwixxu l-biċċiet għall-stampa globali li se tilħaq dan l-għan.*

- 1 Ewropa 2020, Strateġija Ewropea għat-*tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, 03.03.2010 KUMM(2010) 2020.*
- 2 Politika Marittima Integrata għall-Unjoni Ewropea, Brussell, 10.10.2007 KUMM(2007) 575 finali.
- 3 Strateġija Ewropea għar-Riċerka tal-Baħar u dik Marittima; Qafas koerenti Ewropew fil-Qasam tar-Riċerka biex jappoġġa l-użu sostenibbli tal-oċeani u l-ibħra, Brussell, 3.9.2008, KUMM(2008) 534 finali.
- 4 Aġenda Diġitali għall-Ewropa 19.05.2010 KUMM(2010) 245.
- 5 Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-politika marittima integrata, l-2973 laqgħa tal-Kunsill tal-Affarijiet Ġenerali Brussell, is-16 ta' Novembru 2009.

2 | Sfidi kurrenti

Fil-preżent il-maġġoranza tad-dejta tal-baħar miġbura mill-istituzzjonijiet pubbliċi fl-Istati Membri tal-UE, individwalment jew kollettivament, fuq spiża ta' aktar minn EUR 1 biljun fis-sena⁽⁶⁾, hija ġeneralment miġbura għal skop speċifiku - pereżempju sabiex jiżfruttaw ir-riżorsi tal-baħar, biex jiżguraw in-navigazzjoni sikura, biex jimmonitorjaw il-konformità mar-regolamenti jew biex jittestjaw ipoteżi xjentifika. Madankollu, kif ġie kkonfermat f'konsultazzjoni pubblika⁽⁷⁾, daw li qed jipproċessaw jew japplikaw din id-dejta qed

jaffaċċaw għadd ta' ostakli. L-utenti isibuha bi tqila biex jiskopru liema dejta teżisti diġà. Hemm restrizzjonijiet għall-aċċess, l-użu u l-użu mill-ġdid. Ostakli oħrajn jinkludu standards, formats u nomenklatura frammentati, nuqqas ta' informazzjoni dwar il-preċiżjoni u l-korrettezza, il-politika tal-prezzijiet ta' xi fornituri u riżoluzzjoni temporali jew spazjali insuffiċjenti. Għalhekk qed tintilef l-opportunità biex jiġu żviluppatti prodotti u servizzi ġodda innovattivi bbażati fuq din id-dejta⁽⁸⁾.

3 | Għanijiet

Fil-kuntest ta' din il-Komunikazzjoni, qed jiġu stabbiliti tliet għanijiet biex jitjeb l-għarfien dwar il-baħar:

1. jonqsu l-ispejjeż operattivi u d-dewmien għal daw li jużaw id-dejta tal-baħar u għalhekk:
 - jgħinu lill-industrija privata tikkompeti fl-ekonomija globali u tlaħħaq mal-isfida tas-sostenibbiltà;
 - titjeb il-kwalità tat-teħid tad-deċiżjonijiet pubbliki fil-livelli kollha;
 - tissaħħaħ ir-riċerka xjentifika tal-baħar.
2. tiżdied il-kompetizzjoni u l-innovazzjoni fost l-utenti u l-utenti mill-ġdid tad-dejta tal-baħar billi jkunu pprovduti aċċess usa' għal dejta tal-baħar koerenti li jkunu sarulha l-kontrolli tal-kwalità u li tkun disponibbli malajr;

3. tonqos l-inċertezza fl-għarfien dwar l-oċeani u l-ibħra u għalhekk ikun hemm bażi aktar soda għall-ġestjoni tal-bidliet fil-futur.

Dawn l-għanijiet jikkontribwixxu direttament lejn uħud mill-inizjattivi ewlenin imħabbra fl-istrategġija Ewropa 2020 bħal "Unjoni tal-Innovazzjoni" "Ewropa b'effiċjenza fir-riżorsi" u "politika industrijali għall-era tal-globalizzazzjoni".

Stima konservattiva tal-benefiċċji tal-ħolqien ta' netwerk integrat biex jissostitwixxi is-sistema frammentata tal-osservazzjoni tal-baħar preżenti tissuġġerixxi ċifra ta' EUR 300 miljun fis-sena⁽⁹⁾. Lil hinn minn dan, użu aktar razzjonali tad-dejta tal-baħar mhux biss se jtejjeb l-effiċjenza tal-utenti eżistenti tad-dejta tal-baħar imma se jiftaħ ukoll opportunitajiet ġodda għall-innovazzjoni u t-tkabbir.

6 Stima li saret fil-valutazzjoni tal-impatt għal din il-Komunikazzjoni.

7 Id-dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Riżultat tal-Infrastruttura tad-Dejta tal-Baħar tal-Konsultazzjoni Pubblika" 22.1.2010 SEC(2010) 73 finali.

8 Pereżempju l-bioprospejttar għal prodotti ġodda fil-mediċina jew l-industrija tal-proċess għandhom jibbenifikaw minn għarfien aħjar dwar il-habitats ta' qiegħ il-baħar.

9 Il-valutazzjoni tal-impatt tagħti stima ta' madwar EUR 100 miljun għax-xjenza, EUR 56 miljun għall-awtoritajiet pubbliċi u EUR 150 miljun għas-settur privat.



4 | Żvilupp tal-istrumenti tal-UE eżistenti

L-Istati Membri diġà jiġbru ħafna dejta, u f'xi każijiet huma legalment obbligati li jagħmlu dan. Barra minn hekk diversi strumenti u azzjonijiet tal-UE ifittxu li jkabbru d-disponibbiltà ta' sett koerenti ta' dejta u osservazzjonijiet fl-UE.

Dawn l-azzjonijiet jinkludu kemm obbligi kif ukoll miżuri li jippermettu t-twettiq tagħhom. Id-distinzjoni bejn it-tnejn mhijiex dejjem ċara imma ġeneralment l-obbligi huma dawk fejn il-leġiżlazzjoni tal-UE tobligja lill-Istati Membri biex jiġbru, jassemlaw flimkien u jagħtu aċċess għad-dejta, u l-miżuri li jippermettu t-twettiq tagħhom huma dawk fejn l-UE tippovdi xi appoġġ.

4.1. Id-Direttivi tal-UE

Id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina⁽¹⁰⁾ tobligja lill-Istati Membri biex *“jistabbilixxu u jimplimentaw programmi koordinati ta' monitoraġġ għall-valutazzjoni kontinwa tal-istatus ambjentali tal-ilmijiet marini tagħhom.”* L-assemblaġġ

ta' ritratti tal-baċir tal-baħar u l-baħar panEwropew jirrikjedi l-kollaborazzjoni transkonfinali u fost id-dixxiplini. L-esperjenza s'issa wriet li l-kondiviżjoni tad-dejta f'setturi differenti u madwar l-Istati Membri ma jseħx b'mod uniformi, adegwat, effiċjenti jew b'ħeffa. Sakemm l-Unjoni Ewropea mhix se tieħu jew tiffaċilita l-azzjonijiet f'dan il-qasam ma tanx jidher li hemm probabbiltà li dan iseħx.

Id-Direttiva INSPIRE⁽¹¹⁾ tobligja lill-Istati Membri biex jadottaw miżuri sabiex jikkonvidu s-settijiet tad-dejta u s-servizzi bejn l-awtoritajiet pubbliċi għall-iskopijiet ta' ħidmiet pubbliċi u d-Direttiva dwar l-Infurmazzjoni Ambjentali⁽¹²⁾ tehtiġilhom li jirrilaxxaw din id-dejta meta jiġu mitluba. Id-Direttiva dwar l-użu mill-ġdid tal-infurmazzjoni tas-settur pubbliku⁽¹³⁾ tiffaċilita l-użu mill-ġdid tad-dejta pubblika billi tistabbilixxi qafas leġiżlattiv komuni li jirregola kif il-korpi tas-settur pubbliku għandhom jagħmlu l-infurmazzjoni tagħhom disponibbli għall-użu mill-ġdid sabiex ineħħu l-ostakli bħall-prattiċi diskriminatorji, is-swieq b'monopolju u n-nuqqas ta' trasparenza.

10 Id-Direttiva 2008/56/KE.

11 Id-Direttiva 2007/2/KE li tistabbilixxi infrastruttura għall-Infurmazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea.

12 Id-Direttiva 2003/4/KE.

13 Id-Direttiva 2003/98/KE.

Dawn id-Direttivi jipprovdu l-bażijiet legali neċessarji għall-użu aħjar tad-dejta tal-baħar u, fil-każ ta' INSPIRE, għal standards komuni. Imma weħdihom mhumiex biżżejjed. Dawn ma japplikawx neċessarjament għal daww il-korpi li mhux qed jeżerċitaw awtorità pubblika li jkollhom ħafna dejta tal-baħar – pereżempju l-istituzzjonijiet xjentifiċi u akkademiċi – u ma jwarbux id-drittijiet tal-proprietà intellettwali. Huma ma jindirizzawx osservazzjonijiet fil-ħin reali jew arkivji storiċi tad-dejta.

F'reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Infommazzjoni tas-Settur Pubbliku⁽¹⁴⁾, l-utenti mill-ġdid fis-setturi ġeografiki u meteoroloġiki aċċennaw għall-prezzijiet għoljin, il-kundizzjonijiet tal-liċenzja restrittivi u d-diskriminazzjoni bħala ostakli sabiex il-potenzjal tal-użu mill-ġdid tal-Infommazzjoni tas-Settur Pubbliku (ISP) ikun aċċessibbli kompletament. L-aċċess għad-dejta tal-akbar importanza mill-proġetti tar-riċerka tal-baħar tal-Programm tal-Qafas tal-UE huwa mandatorju biss għall-Istituzzjonijiet u l-Korpi tal-Komunità li għandhom l-intenzjoni li jużaw id-dejta għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politiki ambjentali.

4.2. Qafas tal-Ġbir tad-Dejta għas-sajd (DCF)

Il-Qafas tal-Ġbir tad-Dejta l-ġdid adottat fl-2008⁽¹⁵⁾ jobbliga lill-Istati Membri biex jiġbru, jamministraw u jipprovdu dejta dwar is-sajd ta' kwalità għolja għall-iskop ta' pariri xjentifiċi, primarjament għad-deċizzjonijiet amministrattivi xierqa dwar is-sajd. Dawn l-attivitajiet huma esegwiti fil-qafas tal-programmi nazzjonali multianwali li huma kofinanzjati mill-Unjoni. Il-qafas il-ġdid jobbliga lill-Istati Membri biex jipprovdu aċċess għad din id-dejta għall-konsulenza amministrattiva tas-sajd, għall-pubblikazzjoni xjentifika, għad-dibattitu pubbliku u għall-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati fl-iżvilupp tal-politika. Lil hinn minn dawn l-iskopijiet, l-aċċess għad-dejta, l-assemblaġġ tagħha fil-livell tal-baħar u l-użu mill-ġdid tad-dejta assemblata flimkien jirrikjedu l-kunsens tas-sidien kollha tad-dejta kkonċernati.

4.3. L-inizjattiva għall-Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà (GMES)

Il-GMES huwa programm wiesa', li jkopri l-art u l-atmosfera kif ukoll l-ambjent marittimu. Dan jimmira li jwassal servizzi fl-oqsma ambjentali u tas-sigurtà u huwa ġeneralment iffukat fuq kejl mis-satelliti u fuq prodotti bbażati fuq dan il-kejl. L-għażliet għas-servizz ewlieni marittimu tal-GMES qed jiġu ttestjati permezz tal-proġett MyOcean. Il-prodotti huma disponibbli għal kwalunkwe tip ta' użu, inkluż dak kummerċjali (l-attivitajiet minn fuq għal isfel) imma jeskludu "id-distribuzzjoni mill-ġdid mhux ikkontrollata" (it-tixrid, eż. ix-xandir, it-tqegħid fuq l-internet...).

4.4. Is-Sistema dwar l-Infommazzjoni Ambjentali Kondiviża SEIS u WISE-Marine

Is-Sistema dwar l-Infommazzjoni Ambjentali Kondiviża SEIS⁽¹⁶⁾, approċċ imħeġġeġ mill-Kummissjoni Ewropea u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA), timmira li timmodernizza u tissimplifika d-disponibbiltà, l-iskambju u l-użu tad-dejta u l-infommazzjoni meħtieġa għad-disinn u l-implimentazzjoni ta' politika ambjentali, skont liema s-sistemi attwali, l-aktar daww ċentralizzati għar-rappurtar, qed jiġu progressivament mibdula minn sistemi bbażati fuq l-aċċess, il-kondivizzjoni u l-interoperabbiltà.

WISE-Marine huwa l-komponent ambjentali tal-baħar ta' SEIS intenzjonat sabiex jissodisfa r-rekwiżiti ta' implimentazzjoni tal-obbligi tar-rappurtar tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina 2008/56/KE u biex jinforma lill-pubbliku Ewropew dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-baħar. Dan se jkun estensjoni tas-sistema (WISE), is-Sistema ta' Infommazzjoni dwar l-Ilma għall-Ewropa, li tkopri l-ilmijiet kostali fil-qrib, lejn l-ambjent tal-baħar.

14 L-użu mill-ġdid tal-Infommazzjoni tas-Settur Pubbliku – Revizzjoni tad-Direttiva 2003/98/KE. Brussell, 7.5.2009, KUMM(2009) 212 finali.

15 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 tal-25 ta' Frar 2008.

16 Lejn Sistema dwar l-Infommazzjoni Ambjentali Kondiviża (SEIS) KUMM(2008) 46 finali Brussell, l-1 ta' Frar 2008.



© Mick Mackey

4.5. ur-EMODnet

Il-“ur-EMODnet” li huwa ffinanzjat permezz ta’ azzjonijiet preparatorji ta’ politika marittima⁽¹⁷⁾ huwa prototip ta’ EMODnet⁽¹⁸⁾ li huwa stess għandu jkun utli għall-professjonisti tal-baħar u dawk marittimi imma li huwa primarjament iddisinjat biex jittestja l-kunċett tad-disinn u jqaqal ir-reazzjonijiet. Gruppi tematiċi⁽¹⁹⁾ qed jassewblaw dejta eżistenti minn sorsi differenti, fejn qed ikejlu l-kwalità tagħha, u jiżguraw li hija kompluta bl-espressjonijiet ta’ deskrizzjoni (metadejta) bħall-ħin u l-post tal-kejl u jagħmluha disponibbli permezz ta’ portali tematiċi. Ħafna mill-intuwizzjonijiet u t-teknoloġiji użati minn dawn il-gruppi ġew żviluppati taħt il-programmi ta’ rċerka tal-UE⁽²⁰⁾. It-temi assemblati s’issa qedgħin f’sommarju fit-Tabella 1. L-interoperabbiltà tagħhom tissaħħaħ permezz ta’ standards indentiċi u laqgħat ta’ koordinazzjoni kull sitt xhur. Is-saffi tad-dejta prodotti permezz ta’ ur-EMODnet huma disponibbli mingħajr restrizzjoni. Hemm l-intenzjoni li tiġi varata evalwazzjoni interim tar-riżultati fl-2011 u evalwazzjoni finali fl-2013 li se tagħti gwida għal aktar azzjoni.

Madankollu, il-ur-EMODnet attwali minnu nnfsu mhux se jipprovdi informazzjoni biżżejjed għal evalwazzjoni kompluta fl-2013. Il-kampjun huwa

żgħir wisq. L-għadd ta’ parametri u l-baċiri tal-baħar koperti huma inqas milli jkun hemm bżonn biex jiġu sodisfatti l-bżonnijiet tal-komunità tal-baħar u dik marittima. Ir-riżoluzzjoni hija ta’ kwalità ħażina wisq. Tkun qabża kbira u mossa riskjuża wisq biex wieħed imur direttament minn ur-EMODnet ibbażat fuq l-azzjoni preparatorja għal EMODnet kumplessiv tal-iskala li l-estimi attwali qed jindikaw li se jkun neċessarju⁽²¹⁾. Se jkun ipproponut Regola-ment biex jiffinanzja aktar żvilupp ta’ Politika Marittima Integrata fil-perjodu 2011-2013. L-arrik-kiment tal-EMODnet se jkun fost l-azzjonijiet li se jiġu ffinanzjati taħt dan ir-Regola-ment.

4.6. L-UE u l-aġenziji nazzjonali

Barra mill-attivitajiet tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, l-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd u l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza Marittima għandhom il-mandat li jassistu lill-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri fl-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE. Waqt ħidmiethom huma jiġbru d-dejta rilevanti⁽²²⁾ li jista’ jkollha użu usa’ għal skopijiet oħrajn. Sakemm jiġu osservati salvagwardji adattati rigward il-kunfidenzjalità, din id-dejta tista’ f’forma aggregata li tixraq, titqassam aktar fil-wisa’.

Firxa kbira ta’ korpi governattivi tal-Istati Membri huma involuti wkoll fil-ġbir tad-dejta.

4.7. Dejta kostali

L-awtoritajiet kostali jeħtieġu li jiġbru, jużaw u jikkondividu l-informazzjoni sabiex isostnu t-teħid tad-deċiżjonijiet u l-ingaġġ pubbliku. Il-qafas għas-sistemi ta’ informazzjoni kostali huwa pprovdut mir-rakkomandazzjoni tal-UE dwar il-ġestjoni integrata taż-żona kostali⁽²³⁾.

17 Mekkaniżmu finanzjarju ddisinjat biex jipprepara proposti bil-ħsieb tal-adozzjoni ta’ azzjonijiet futuri.

18 Network Ewropea tal-Osservazzjoni u d-Dejta tal-Baħar.

19 Gruppi tematiċi huma konsorzji ta’ laboratorji li hađu r-responsabbiltà li jassewblaw id-dejta ta’ tip partikulari u jagħmluha disponibbli permezz ta’ aċċessi uniki. Bħalissa hemm erba’ gruppi – għall-idrografija/il-batimetrija, għall-ġeoloġija, għall-bijoloġija u għall-kimika (ara t-tabella 1). Hemm il-pjanijiet għal waħda dwar id-dejta fiżika.

20 Id-Deċiżjoni 1982/2006/KE dwar is-Seba’ (7) Programm Kwadru ta’ Rċerka hija l-aħħar f’serje ta’ programmi ta’ fondi għall-produzzjoni u l-użu tad-dejta marittima.

21 Il-valutazzjoni tal-Impatt għall-EMODnet.

22 Bħat-tniġġiż taż-żejt, iċ-ċaqliq tal-bastimenti u l-attività tas-sajd.

23 Rakkomandazzjoni 2002/413/KE.



Ir-reġjuni kostali ġew definiti mill-Eurostat bħala reġjuni ta' statistika standard (NUTS livell 3) ⁽²⁴⁾, li għandhom tal-inqas nofs il-popolazzjoni tagħhom ġewwa 50 km tal-kosta ⁽²⁵⁾. Dan jirrappreżenta 446 reġjun, li 372 minnhom għandhom linja tal-kosta. Il-parametri soċjoekonomiċi bħall-indikaturi tal-popolazzjoni jew l-PGD huma disponibbli b'xejn permezz tas-sit tal-internet tal-Eurostat għall-maġġoranza ta' dawn ir-reġjuni. Għal xi pajjiżi, bħall-Polonja, l-Isvezja jew ir-Renju Unit, dawn ir-reġjuni tant huma kbar li jkopru wkoll popolazzjonijiet li jgħixu ferm il-ġewwa u għalhekk ma jstgħux jaċċennaw l-attenzjoni fuq il-karatteristiċi partikolari li jikkaratterizzaw il-komunitajiet kostali. L-attentati biex tinġabar dejta ta' riżoluzzjoni aktar fina ma kellhomx suċċess minħabba azzjonijiet projbittivi minn xi uffiċċji ta' statistika nazzjonali, għaliex uħud mill-uffiċċji tal-istatistika nazzjonali ma għandhomx mod sistematiku ta' kif jindirizzaw it-talbiet għad-dejta u għax, għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità, id-dejta ma tistax tiġi pprovduta għal reġjuni b'intrapriża waħda jew tnejn biss f'settur partikolari.

Id-dejta ekonomika – id-dħul, l-ispejjeż, ix-xogħol – mis-sajd, l-akkwakultura u l-ipproċessar tal-ħut tinġabar ukoll bħala parti mill-Qafas tal-Ġbir tad-Dejta. Id-dejta ekonomika dwar il-flotot ta' bastimenti tas-sajd Ewropej tinsab f'sommarju f'rapport ekonomiku annwali ⁽²⁶⁾ fil-livell nazzjonali u dejjem aktar fil-livell tal-baċir tal-baħar ⁽²⁷⁾.

Għadd ta' awtoritajiet reġjonali qed jibnu sistemi ta' informazzjoni kostali sabiex jamministraw u jippanaw l-attivitajiet. Id-Direttiva INSPIRE u proġetti Interreg ⁽²⁸⁾ differenti qed jibdeu jiżguraw xi inter-operabbiltà bejn dawn is-sistemi.

4.8. Proposti għat-titjib tal-istrumenti eżistenti

Il-Kummissjoni qed tippromponi għadd ta' titjib sabiex ittejjeb l-effetti tal-istrumenti u l-azzjonijiet ta' hawn fuq:

- 24 Għal deskrizzjoni tar-reġjuni tal-istatistika ara http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/nuts_nomenclature/introduction
- 25 Hamburg ġiet miżjuda mal-lista minkejja li ma tissodisfax il-kriterji ta' hawn fuq.
- 26 Il-kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF). Ir-rapport ekonomiku annwali tal-2009 dwar il-flotta tas-sajd Ewropea EUR 24069 – ISBN 976-92-79-13869-6.
- 27 Il-baċir tal-baħar huwa l-post fejn iseħħ is-sajd. Dan mhuwiex dejjem dak il-post fejn jinħatt il-ħut jew fejn jinsab il-port oriġinali tal-bastimenti kkonċernati.
- 28 Inizjattiva tal-Komunità li timmira li tistimula l-kooperazzjoni interreġjonali fl-Unjoni Ewropea. Bdiet fl-1989, u hija ffinanzjata taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR).

Tabella 1 Kif l-inizjattivi tal-UE jikkontribwixxu għal infrastruttura tad-dejta tal-baħar. Proġetti ta' riċerka u inizjattivi nazzjonali mhumiex inklużi. Lanqas ma huma "l-obbligi" bħal INSPIRE. It-tabella tkopri biss "miżuri li jippermettu t-twettiq" li parti minnhom huma ffinanzjati mill-baġit tal-UE

Parametri	ġbir	assemblaġġ	applikazzjoni
Batimetria		ur-EMODnet	WISE-Marine
Ġeoloġija		ur-EMODnet	
Fiżika	GMES (spazju)	GMES (bl-eċċezzjoni ta' ħdejn il-kosta), ur-EMODnet ^[29]	GMES
Sajd (inkluzja l-ekonomija tas-sajd)	Qafas tal-Ġbir tad-Dejta ^[30]	Ċentru Konġunt tar-Riċerka (u utenti oħrajn)	ICES ^[31] , STECF ^[32] , GFCM ^[33]
Kimika		ur-EMODnet	WISE-Marine
Bijoloġija		ur-EMODnet, GMES ^[34]	WISE-Marine
Attività umana (barra mis-sajd) ^[35]		ur-EMODnet ^[36]	WISE-Marine
Dejta kostali		Eurostat	

- Il-Kummissjoni se tiegħu l-passi neċessarji biex tiżgura li d-dejta minn programmi ta' riċerka li huma appoġġati mill-UE dwar l-iżvilupp reġjonali, tal-baħar u dawk marittimi se jkunu aktar disponibbli għall-użu mill-ġdid.
- Il-Kummissjoni se teżamina liema miżuri oħra huma meħtieġa biex issir promozzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni kostali fis-segwit tagħha għar-Rakkomandazzjoni tal-UE dwar il-Ġestjoni Integrata taż-Żona Kostali^[37].
- Id-demostrazzjonijiet tas-servizzi tal-baħar GMES se jkunu appoġġati permezz tat-tema tal-ispazju tas-Seba' Programm Kwadru sal-2014. L-aġġornamenti qed jiġu kkunsidrati.
- Fit-terminu taż-żmien qasir, il-Kummissjoni se tiżgura li r-regoli tal-aċċess il-ġodda għad-dejta dwar is-sajd se jkunu infurzati kompletament mill-Istati Membri. Fiż-żmien medju u twil, se jiġu esplorati mezzi biex jitwessa' l-ambitu tal-aċċess għad-dejta.
- Biex isir l-aqwa użu tar-riżorsi, WISE-Marine u EMODnet se jiġu abbinati flimkien fil-kuntest tal-implimentazzjoni tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina. WISE-Marine qegħda skedata li tiġi stabbilita sa nofs l-2012 u se tiġbor u tivviżwalizza d-dejta tal-Istati Membri dwar l-ambjent tal-baħar u l-attivitajiet umani. Bħall-EMODnet, WISE-Marine se tibni fuq WISE, is-sistema ta' rappurtar eżistenti diġà użata mill-Istati Membri sabiex jirrappurtaw il-valutazzjonijiet tagħhom għad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma.
- Il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tvara sett ieħor ta' azzjonijiet sabiex ittejjeb il-kop-

29 Ma jinkludix kejl mill-ispazju allura GMES ma jagħtix kontribut lill-ur-EMODnet.

30 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 tal-25 ta' Frar 2008.

31 Il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar.

32 Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd stabbilit skont l-Artikolu 33 tar-Regolament tal-Kunsill KE 2371/2002.

33 Il-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran.

34 Il-kejl tal-klorofill mill-ispazju minflok il-fitoplankton.

35 L-enerġija lil hinn mill-kosta, rotot tal-bastimenti, estrazzjoni taż-żrar, eċċ.

36 Iffinanzjat permezz tar-regolament finanzjarju propost għall-politika marittima integrata.

37 Il-proġett PEGASO, appoġġat mis-7 Programm Kwadru, qed jeżamina l-għażliet.

ertura tad-dejta, ir-riżoluzzjoni u l-firxa tal-parametri assemblati⁽³⁸⁾,⁽³⁹⁾.

- Il-Kummissjoni se tiżgura li l-Aġenziji tagħha jirrilaxxaw id-dejta regolarment.
- Il-Kummissjoni tinkoraġixxi l-Istati Membri fl-istess spirtu sabiex jirrilaxxaw dejta miġbura għal skop speċifiku, jekk neċessarju aggregata fil-ħin u l-ispazju.
- Il-Eurostat se jistudja parametri dettaljati dwar il-popolazzjoni u ż-żona sabiex jipprovdi parameterizzazzjoni aħjar tal-influwenza kostali fir-reġjuni territorjali għall-istatistika.
- li jiġu żgurati standards komuni⁽⁴⁰⁾;
- li jkun hemm konformità progressiva tal-politiki tad-dejta. L-għan aħħari huwa li tipprovdi aċċess b'xejn mingħajr restrizzjoni fl-użu;
- li jiġi żgurat li d-dejta assemblata fl-inizjattivi bħall-ur-EMODnet jew il-Qafas tal-Ġbir tad-Dejta tixraq għall-bżonnijiet tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina;
- azzjoni ur-EMODnet speċifika fl-2010⁽⁴¹⁾ sabiex tassembla dejta fiżika in-situ bħala kontribut għal GMES, biex tivvalida r-riżultati tal-mudell GMES u biex tkopri l-ilmijiet ta' ħdejn il-kosta⁽⁴²⁾ li mhumiex indirizzati mill-GMES;

L-inizjattivi biex jiġu rrimedjati n-nuqqasijiet fis-sistema tad-dejta tal-baħar Ewropea għalhekk se jip-progressaw matul għadd ta' mogħdijiet. L-iskopijiet prinċipali ta' dawn l-inizjattivi huma simili imma mhux identiċi. Għalhekk hija meħtieġa aktar azzjoni biex jinħolqu sinerġiji bejn l-iżviluppi varji.

Il-Kummissjoni se tieġu l-miżura neċessarja biex iġġib dawn l-inizjattivi flimkien sabiex tiżgura provvista ta' dejta tal-baħar lixxa u mingħajr truf u fl-istess ħin tevita x-xogħol żejjed fl-isforzi tal-ġbir tad-dejta. Dan se jinvolvi:

- li fl-2012-2013, la darba jkunu disponibbli riżultati mill-ur-EMODnet u mill-azzjonijiet tal-prototip tas-servizz ċentrali marittimu GMES, biex jivvalutaw in-nuqqasijiet fin-netwerk ta' monitoraġġ;
- li jinbada djalogu mal-pajjiżi msieħba u l-organizzazzjonijiet internazzjonali sabiex jiżguraw li l-isforz tal-UE jikkontribwixxi lejn sistema interoperabbli ta' għarfien globali dwar il-baħar.

38 Bħalma huma: l-estensjoni tal-mappa ġeoloġika għall-Mediterran u l-Kosta Iberika Atlantika; ir-riżoluzzjoni tal-batimetrija minn kwart ta' minuta għall-anqas frazzjoni ta' għaxra ta' minuta; tinkludi aktar pestiċidji.

39 Iffinanzjat permezz tar-regolament finanzjarju propost għall-politika marittima integrata.

40 Inkluzja n-nomenklatura, il-formats u l-unitajiet. Dan se jiżgura li d-dejta li ġejja minn inizjattivi differenti tista' titqabbel u tiġi kkombinata. INSPIRE tipprovdi l-qafas bażiku. INSPIRE hija minnha nfisha kompletament konsistenti mal-istandards internazzjonali.

41 Iffinanzjat permezz tar-regolament finanzjarju propost għall-politika marittima integrata.

42 L-ilmijiet ta' ħdejn il-kosta huwa terminu xjentifiku użat biex jiddefinixxi dawk l-ilmijiet fejn l-ilma baxx, topografija kostali kumplessa u x-xmajriet tal-marea ifissru li l-immudellar fiżiku jirrikjedi approċċ ħafna aktar dettaljat minn dak imbassar fil-preżent fi ħdan is-servizz ċentrali tal-baħar GMES.

5 | Lejn arkitettura tad-Dejta tal-baħar operazzjonali

Filwaqt li l-istrumenti u l-azzjoni msemmija hawn fuq għandhom il-mertu tagħhom, l-integrazzjoni tal-għarfien dwar il-baħar tirrikjedi pass aktar robust. Sett koerenti ta' dejta, li jaqsam il-konfini tal-Istati Membri jeħtieġ arkitettura operazzjonali mmirata. L-aħħar forma se tiddependi fuq l-esperjenza operazzjonali miksuba minn proġetti u inizjattivi bħall-ur-EMODnet u MyOcean. Madankollu f'dan l-istadju diġà jixraq li jiġu mmarkati xi elementi li għandhom jiġu inkorporati:

1. Id-dejta tal-baħar Ewropea hija fil-preżent miġbura għal skop speċifiku – pereżempju n-navigazzjoni sikura jew il-ġestjoni tas-sajd – imma l-għan huwa li nimxu lejn paradigma fejn, mill-bidu, jiġi mbassar użu bi skop multiplu.
2. Id-dejta għandha tinżamm qrib tas-sorsi kemm jista' jkun possibbli. Din id-dejta għandha tkun taħt kurazija xierqa f'ċentri tad-dejta akkreditati. Kwalunkwe proċessar tad-dejta li jikkostitwixxi dejta personali kif definit fid-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Dejta⁽⁴³⁾ jrid ikun konformi mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva.
3. L-infrastruttura tad-dejta tal-baħar Ewropea effettiva għandha tinkludi għadd ta' gruppi tematiċi ta' assemblaġġ⁽⁴⁴⁾ li jkunu fdati bid-dejta li trid tiġi "assemblata". Grupp tematiku tal-assemblaġġ huwa konsorzju ta' organizzazzjonijiet li jassemlaw id-dejta fuq tema speċifika bħas-saffi ġeoloġiċi jew il-kontaminanti kimiċi.
4. Sabiex tinkiseb operazzjoni sostenibbli tas-sistemi tal-osservazzjoni tal-baħar u l-identifikazzjoni tan-nuqqasijiet kritiċi f'dawn is-sistemi hija meħtieġa perspettiva integrata

fil-livell tal-baċir tal-baħar. Organizzazzjonijiet eżistenti li għandhom mandat tal-baċir tal-baħar bħall-Konvenzjonijiet Reġjonali tal-Baħar⁽⁴⁵⁾, il-Kunsilli Reġjonali Konsultattivi għas-sajd u l-EUROGOOS⁽⁴⁶⁾ ikunu mistennija li jikkontribwixxu.

5. F'għadd limitat ta' każijiet jista' jkun xieraq li l-appoġġ tal-UE għad-dejta tal-baħar u l-infrastruttura tal-osservazzjoni jmorru lil hinn mill-assemblaġġ tad-dejta lejn l-annliżi u l-applikazzjoni ta' din id-dejta; pereżempju biex tappoġġa l-provvista ta' indikaturi għall-istat tal-ambjent tal-baħar.
6. L-arkitettura tal-għarfien tirrikjedi proċess ta' teħid ta' deċiżjoni li jiddeċiedi liema dejta se tinġabar u kif għandha tiġi assemblata. Teħtieġ ukoll segretarjat biex jamministra l-proċess.

Sabiex taħdem lejn infrastruttura bħal din il-Kummissjoni qed tippromponi li:

- **L-għarfien mhuwiex biss ir-responsabbiltà tal-Gvern. L-industrija Ewropea għandha tiddeċidha rżorsi adegwati sabiex tiżgura salvagwardja adegwata tal-għarfien u, meta dan ma għadx għandu valur kummerċjali, ikollu tixrid usa'.**
- **Il-Kummissjoni se tinkoraġġixxi l-komunikazzjoni fost iċ-ċentri nazzjonali tad-dejta permezz ta' diskussjonijiet regolari fil-gruppi esperti dwar l-osservazzjoni tal-baħar u d-dejta tagħha u l-forum marittimu fuq l-internet tagħha sabiex tippromwovi prattika tajba fil-kura u t-tixrid tad-dejta.**

43 Id-Direttiva 95/46/KE.

44 Dan ikopri (1) l-aċċess għall-osservazzjonijiet mhux proċessati kollha li jinżammu fiċ-ċentri tad-dejta ta' ċertu tip (2) il-produzzjoni u t-tixrid tas-saffi tad-dejta li jindikaw kemm hija fonda l-osservazzjoni, il-kwalità tad-dejta, (3) saffid tad-dejta mingħajr truff (fil-forma ta' grilja jew poligonu) fuq u madwar il-baċiri tal-baħar kollha.

45 Il-konvenzjonijiet ta' OSPAR, HELCOM, Barcelona u Bucharest.

46 EuroGOOS hija assoċjazzjoni ta' aġenziji nazzjonali governattivi u organizzazzjonijiet tar-riċerka, impenjati fl-oċeanografija operazzjonali fuq iskala Ewropea.

- Sabiex tiżgura perspettiva integrata tal-ħtiġijiet tal-monitoraġġ, il-Kummissjoni se tesplora kif punt ta' kontroll tal-baċir tal-baħar⁽⁴⁷⁾ jista' jaħdem billi jiġu stabbiliti l-piloti⁽⁴⁸⁾ fil-perjodu 2011-2013.
- Il-Kummissjoni, abbażi ta' pariri mill-Istati Membri, mill-punti ta' kontroll tal-baċir tal-baħar u l-esperti tagħha se tkompli tiddefinixxi l-prijoritajiet biex tassembla d-dejta fil-ur-EMODnet imma fil-perjodu 2011-2013 se tiżviluppa proposta għal governanza aktar permanenti.
- Il-Kummissjoni se tistabbilixxi segretarjat tal-prototip⁽⁴⁸⁾ sabiex jamministra l-proċess tal-ur-EMODnet – jipprepara l-laqgħat, jivvaluta r-riżultati tal-gruppi tematiċi tal-assemblaġġ u l-punti ta' kontroll tal-baċir tal-baħar, jiżgura li jiġu osservati d-dati ta' skadenza u jipprepara rapport annwali dwar l-attività.

6 | Tmexxija tal-proċess

16

L-aċċess akbar għad-dejta u għall-osservazzjoni tal-baħar ġie mmonitorjat minn grupp ta' esperti indipendenti fil-ġbir, l-assemblaġġ u l-applikazzjoni tad-dejta tal-baħar. L-appoġġ ta' dan il-grupp għen lill-Kummissjoni fl-għażliet li għamlet dwar il-prijoritajiet tematiċi u l-metodi ta' ħidma. Il-grupp se jassisti f'valutazzjoni formali ta' nofs it-term li tibda fl-2011 u tiġi rrapportata fil-bidu tal-2012. Din il-valutazzjoni se tinkludi l-indikaturi kwantitattivi li

jkejlu t-teħid tad-dejta mill-prototip ur-EMODnet mix-xjentisti, l-awtoritajiet u l-industrija. Se jirrapporta dwar il-progress li jkun sar fil-kisba tal-għanijiet stipulati f'din il-Komunikazzjoni.

Il-Kummissjoni se tistabbilixxi wkoll Grupp Espert tal-Istati Membri biex tiżgura l-koerenza max-xogħol li jkun għaddej fl-Istati Membri.

7 | Żmien

Il-proposti stabbiliti f'din il-Komunikazzjoni jid-deskrivu azzjonijiet li għandhom jittieħdu mill-Kummissjoni fil-perjodu 2011-2013. Fl-aħħar ta' dan il-perjodu se ssir valutazzjoni tal-impatt oħra sabiex tiggwida l-passi li jmiss. Il-Kummissjoni tistieden ir-reazzjonijiet għal dan il-pjan.

47 Il-punti ta' kontroll ikunu qed jagħmlu l-kontrolli tas-saffi tad-dejta indipendentament minn kull grupp tematiku tal-assemblaġġ, jiżguraw li d-dejta minn gruppi differenti hija kompatibbli bl-istess mod u jiddefinixxu l-prijoritajiet għal aktar osservazzjonijiet ibbażati fuq l-interazzjoni mal-partijiet interessati lokali. Dawn il-punti ta' kontroll għandhom jaġixxu f'isem l-utenti kollha tad-dejta tal-baħar fi ħdan dak il-baċir u jkopru l-inzjattivi tal-UE dwar id-dejta tal-baħar – EMODnet, GMES, il-Qafas tal-Ġbir tad-Dejta, eċċ.

48 Iffinanzjat permezz tar-regolament finanzjarju propost għall-politika marittima integrata.

Netwerk Ewropew ta' Osservazzjoni u Dejta Marittima

Valutazzjoni tal-impatt
Sommarju Eżekuttiv

Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni

SEC(2010) 999

Il-werrej

1. Definizzjoni tal-Problema	19
1.1. Sfond	19
1.2. Għaliex tinġabar id-dejta marittima u kemm tiswa din	19
1.3. Diffikultajiet fl-assemblaġġ tad-dejta	19
1.4. Nuqqas ta' Kompetizzjoni u Innovazzjoni	19
1.5. Inċertezza	20
1.6. Xprunaturi	20
1.7. Sforzi biex tissolva s-sitwazzjoni	20
2. Il-Valur Miżjud tal-UE	20
3. Għanijiet	20
4. Għażliet ta' Politika	21
4.1. L-Evoluzzjoni Futura – L-għażla li ma jsir xejn	21
4.2. Għażliet Oħrajn	21
5. Valutazzjoni tal-impatti	22
5.1. X'għandha tagħmel l-UE?	22
5.2. X'inhuwa l-istrument legali l-aktar xieraq?	24
5.3. Kif għandu jiġi ġestit dan l-appoġġ?	24
6. Monitoraġġ u Evalwazzjoni	24

11 DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA

1.1. Sfond

It-titjib tal-għarfien marittimu dejjem kien għan primarju tal-politika marittima integrata tal-UE, li minnha nfisha hija għan strateġiku tal-pjan ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-perjodu 2005-2009⁽¹⁾. Inbdew azzjonijiet preparatorji sabiex jiġu evalwati l-għażliet tekniċi u l-ispiża mistennija għat-twaqqif ta' Netwerk Ewropew ta' Osservazzjoni u Dejta Marittima (EMODnet).

B'kontribut minn Grupp ta' Esperti, f'April tal-2009 inħareġ pian direzzjonali li jstabbilixxi prinċipji wiesgħin u skeda ta' żmien. Simultanjament, ġiet inn-edija konsultazzjoni pubblika fuq l-EMODnet⁽²⁾. B'kollox ipparteċipaw 300 parti interessata: inklużi kumpaniji privati, awtoritajiet pubbliċi, organizzazzjonijiet internazzjonali u l-komunità tar-riċerka.

Regolament li jiffinanzja bażi tal-politika marittima integrata fis-snin 2011-2013, li għandha tiġi proposta mill-Kummissjoni fl-2010, jinkorpora l-għanijiet tal-għarfien marittimu.

1.2. Għaliex tinġabar id-dejta marittima u kemm tiswa din

Il-kumpaniji privati jeħtieġu d-dejta marittima sabiex ikunu jistgħu jisfruttaw ir-riżorsi b'mod aktar effiċjenti. L-awtoritajiet nazzjonali u lokali jeħtieġu din id-dejta biex jipproteġu l-linji tal-kosta tagħhom jew biex jivvalutaw il-konformità mal-istandards ambjentali. Ix-xjenzjati jeħtieġu d-dejta marittima biex iżidu l-għarfien dwar iċ-ċirkolazzjoni tal-oċeani u l-ekosistemi marittimi.

Għaldaqstant, l-Istati kostali kollha jiġbru u jip-processaw id-dejta marittima. L-infiq annwali attwali tal-Ewropa fuq il-għbir u l-monitoraġġ ta' dejta dwar

il-baħar u l-oċean huwa aktar minn EUR 1 biljun⁽³⁾ għall-korpi pubbliċi u madwar EUR 3 biljuni⁽³⁾ għal dawk privati.

1.3. Diffikultajiet fl-assemblaġġ tad-dejta

L-applikazzjonijiet tad-dejta marittima ma jistgħux jiddependu biss fuq dejta minn sors wieħed miġbur għal għan wieħed. Sikwit tkun meħtieġa dejta minn il-mijiet ta' aktar minn Stat kostali wieħed.

L-assemblaġġ ta' stampa koerenti minn għadd kbir ta' organizzazzjonijiet li għandhom u li huma detenturi ta' dejta marittima – aktar minn 50 f'kull wieħed mill-Istati kostali ewlenin⁽⁴⁾ – jinvolti xogħol iebs. Mill-perspettiva tal-utenti, hemm seba' ostakoli ewlenin: 1) skoperta – diffikultà biex tinstab 2) aċċess – nuqqas ta' permess biex jinkiseb aċċess għaliha 3) użu – restrizzjonijiet imposti fuq l-użu finali 4) koerenza – diffikultà biex id-dejta tiġi kkombinata 5) spiża – taqbeż il-baġit tal-utent 6) kwalità – preċiżjoni u eżattezza mhux magħrufa 7) kwantità – riżoluzzjoni spazjali u temporali mhux suffiċjenti għall-għan. Kważi l-partijiet interessati kollha fl-istħarriġ⁽²⁾ tal-2009 irrapporaw li kull wieħed minn dawn is-seba' ostakoli kien jikkostitwixxi tfixkil għall-effikaċja fil-ħidma tagħhom.

Sistema ta' osservazzjoni frammentata, bil-kuntrarju għal waħda integrata, iżżid mill-inqas 25% mal-ispejjeż ta' dawk li jipprovdu prodotti u servizzi⁽⁵⁾. Dan ma jinkludix l-opportunitajiet mitlufa ta' dawk li, iffaċċjati minn infrastruttura ta' dejta impenetrabbli, sempliċiment ma għażlux li jiżviluppaw servizzi ġodda.

1.4. Nuqqas ta' Kompetizzjoni u Innovazzjoni

Korp pubbliku jew privat bħalissa għandu diffikultà biex jipprovdi prodott jew servizz li jkun ibbażat

- 1 Għanijiet Strateġiċi 2005 – 2009 Ewropa 2010: Sħubija għat-Tiġdid Ewropew. Prosperità, Solidarjetà u Sigurtà 26.1.2005 KUMM(2005) 12 finali.
- 2 Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni – Infrastruttura ta' Dejta Marittima. Ir-Riżultat ta' Konsultazzjoni Pubblika, Brussell, 22.1.2010 SEC(2010) 73 finali.
- 3 Din iċ-ċifra hija ġustifikata fil-valutazzjoni sħiħa tal-impatt.
- 4 Legal Aspects of Marine Environmental Data Framework Service Contract (Aspetti legali ta' Kuntratt ta' Servizz ta' Qafas ta' Dejta Ambjentali tal-Baħar), Nru. FISH/2006/09 – LOT2, rapport finali, Ottubru 2008.
- 5 The Business Case for Improving NOAA's Management and Integration of Ocean and Coastal Data (Il-Każ tan-Negożju għat-Titjib tal-Ġestjoni u l-Integrazzjoni tad-Dejta dwar l-Oċeani u l-Kosti minn NOAA), Zdenka Willis, Direttriċi tal-Programm NOAA IOOS, Jannar 2009.

fuq dejta marittima sakemm ma jkunx ġabar id-dejta huwa nnifsu jew ikollu relazzjoni b'saħħitha mal-organizzazzjoni li għamlet dan. Dan inaqas l-ġhadd ta' korpi li huma potenzjalment kapaċi jipprovdu l-prodott jew servizz u jnaqqas l-ambitu għall-innovazzjoni.

1.5. Inċertezza

In-nuqqas ta' infrastruttura ta' dejta marittima effettiva u netwerk ta' osservazzjoni skars ħafna jikkostitwixxu inċertezza fl-imġiba futura tal-oċean. Hemm studju⁽⁶⁾ li jissuġġerixxi li nefqa ta' EUR 70 miljun fuq l-immappjar marittimu fl-ibħra Irlandiżi għandha tnaqqas l-inċertezza fl-industrija u tirriżulta f'benefiċċji ta' EUR 415 miljun għas-sajd, l-akkwakultura, il-biodiversità, l-enerġija rinnovabbli, l-esplorazzjoni tal-enerġija u l-industrija aggregati. Tnaqqis ta' 25 % fl-inċertezza taż-żieda fil-livell tal-baħar fil-futur jista' jnaqqas l-ispejjeż annwali tal-Ewropa għall-ħarsien tal-baħar b'madwar EUR 100 miljun fis-sena. Il-klima terrestri tiddependi fuq iċ-ċirkolazzjoni tal-oċean, għalhekk anki l-industrija terrestri jiggwadanjaw minn dejta marittima aħjar; din mhijiex kundizzjoni suffiċjenti għal tbassir stagionali aħjar, iżda hija meħtieġa.

1.6. Xprunaturi

Minkejja l-fatt li l-organizzazzjonijiet iridu organizzazzjonijiet oħrajn biex jagħmlu d-dejta tagħhom disponibbli, huma jistgħu jsibuha bi tqila biex jifitħu d-dejta tagħhom stess minħabba li jistgħu jieħdu vantaġġ kompetittiv minn aċċess preferenzjali għad-dejta meta jipprovdu prodotti li jkunu derivati minn din id-dejta.

1.7. Sforzi biex tissolva s-sitwazzjoni

Ġew adottati miżuri leġiżlattivi mill-UE li jobbligaw lill-amministrazzjonijiet biex jagħmlu d-dejta tagħhom aktar disponibbli. Miżuri bħad-Direttiva INSPIRE⁽⁷⁾, id-Direttiva dwar l-Infommazzjoni

Ambjentali⁽⁸⁾, u d-Direttiva dwar l-Infommazzjoni tas-Settur Pubbliku⁽⁹⁾ jintroduċu obbligi għall-awtoritajiet pubbliċi.

L-UE ttipprovdi appoġġ finanzjarju għall-ġbir ta' dejta dwar is-sajd permezz tal-Qafas tal-Ġbir tad-Dejta. Il-Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà (GMES)⁽¹⁰⁾ jimmira li jipprovdi servizz marittimu prinċipali bbażat fuq dejta miksuba permezz tas-satellita. Il-katalogi tad-dejta marittima li jgħinu biex jiffaċilitaw l-iskoperta tad-dejta u l-proċeduri tal-kwalità għal-laboratorji tal-kejl ġew żviluppati permezz ta' programmi suċċessivi ta' riċerka tal-UE. L-Istati Membri qegħdin jibdew ipoġġu l-infrastrutturi tad-dejta marittima tagħhom f'ordni.

2| IL-VALUR MIŻJUD TAL-UE

L-assemblaġġ tal-istampi tal-baċiri tal-baħar jeħtieġ kollaborazzjoni transkonfinali u fost id-dixxiplini. Inqas minn 3 % mit-300 professjonista li ġew ikkonsultati ma qablux mad-dikjarazzjoni li "mingħajr appoġġ sostenibbli mill-UE jkun diffiċli ħafna li tinbena infrastruttura Ewropea sostenibbli."

3| GĦANIJIET

Nistgħu nagħmlu distinzjoni bejn tliet għanijiet speċifiċi:

1. innaqqsu l-ispejjeż operattivi u d-dewmien għal dawk li jużaw id-dejta marittima u għalhekk:
 - (a) ngħinu lill-industrija privata tikkompeti fl-ekonomija globali;
 - (b) intejbu l-kwalità tat-teħid tad-deċiżjonijiet pubbliċi fil-livelli kollha; u
 - (c) insaħħu r-riċerka xjentifika marittima.

6 Price Waterhouse Cooper, INFOMAR Marine Mapping Survey Options Appraisal Report Ġunju 2008.

7 Direttiva 2007/2/KE li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Infommazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea.

8 Direttiva 2003/4/KE.

9 Direttiva 2003/98/KE.

10 Il-Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà (GMES): ngożžu pjaneta aktar sikura, Brussell, 12.11.2008, KUMM(2008) 748 finali.

2. inżidu l-kompetizzjoni u l-innovazzjoni fost l-utenti tad-dejta marittima billi nwessgħu u naċċelleraw l-aċċess għal dejta marittima koerenti bil-kwalità ċċekkjata;
3. innaqqsu l-inċertezza fl-għarfien dwar l-oċeani u l-ibħra u b'hekk niprovdu bażi aktar soda għall-ġestjoni tal-bidliet inevitabbli fil-ġejjieni.

4 | GĦAŻLIET TA' POLITIKA

4.1. L-Evoluzzjoni Futura – L-għażla li ma jsir xejn

Ġeneralment, ir-regoli attwali rigward l-aċċess u l-użu tad-dejta marittima qegħdin jiġu osservati⁽¹¹⁾. Madankollu, dawn ma japplikawx awtomatikament għall-korpi pubbliċi li ma jgawdux minn awtorità pubblika bħal universitajiet. Lanqas ma jwarrbu d-drittijiet tal-proprjetà intellettuali jew l-obbligu ta' xi aġenziji nazzjonali li jitolbu prezizzjiet li jirkupraw l-ispejjeż. Ir-riċerka tal-UE jew il-proġetti ta' kooperazzjoni territorjali huma għal perjodu ta' żmien limitat. Meta l-proġetti jieqfu, il-katalogi ma jibqgħux jinżammu u s-sħubiji jiġu fi tmiemhom.

Mingħajr azzjoni addizzjonali tal-UE, l-infrastruttura preżenti sejra tkompli tippenalizza lill-utenti, tiskoraġġixxi l-innovazzjoni u tillimita l-abbiltà tal-UE li tħejji ruħha għal sistema marittima li qiegħda tinbidel.

4.2. Għażliet Oħrajn

4.2.1. X'għandha tagħmel l-UE?

L-ipproċessar tad-dejta marittima fl-għarfien u l-informazzjoni għandu bżonn ta' tliet passi wiesgħin: (A) l-osservazzjoni u l-ġbir (B) l-assemblaġġ tad-dejta biex tiġi pprovduta dejta kompleta, koerenti u bil-kwalità ċċekkjata għall-baċiri marittimi (C) l-applikazzjoni tad-dejta biex jiġu pprovduti servizzi jew indikaturi – pereżempju tal-erożjoni kostali, il-popolazzjoni tal-ħut jew ir-riskju ta' tsunami.

Madankollu, ikun estremament diffiċli għall-UE biex tappoġġa l-ġbir tad-dejta mingħajr ma tkun taf x'qiegħed jinġabar diġà, fejn jinsabu n-nuqqasijiet u fejn qiegħda l-akbar domanda tal-utenti. Lanqas ma huwa sejjer ikun possibbli li jiġu żviluppatti indikaturi jew prodotti b'valur miżjud mingħajr l-assemblaġġ u l-ipproċessar tad-dejta li tikko-stitwixxi dawn l-indikaturi. Għalhekk, l-għażliet għall-azzjoni tal-UE huma:

1. ASSEMBLAĠĠ tad-dejta biex jiġi pprovdut aċċess għal dejta koerenti, bil-kontrolli tal-kwalità u miżmuma b'mod sikur għall-baċiri marittimi kompleti bi spiża marġinali.
2. ĠBIR – l-istess bħall-għażla 1 iżda li tappoġġa wkoll sistemi ta' osservazzjoni u l-ġbir tad-dejta – awtomatikament permezz ta' strumenti mobbli jew stazzjonati b'mod permanenti jew permezz ta' kampjuni miġbura mill-baħar u analizzati fil-laboratorju.
3. APPLIKAZZJONI – l-istess bħall-għażla 1 iżda wkoll bl-applikazzjoni tad-dejta biex jiġu pprovduti indikaturi – pereżempju tal-kwalità ambjentali, l-erożjoni kostali, il-popolazzjoni tal-ħut jew ir-riskju ta' tsunami.

L-għan ta' EMODnet huwa li jipprovdi infrastruttura bażika li minnha jibbenifikaw varjetà ta' applikazzjonijiet. Min-naħa l-oħra, l-ipproċessar tad-dejta f'applikazzjonijiet relatati mal-klijenti għandu jkun negozju kummerċjali u kompetittiv, fejn il-korpi pubbliċi u privati jkunu jistgħu jiksbu dejta mill-aqwa sorsi u jinkorporawha u jipproċessawha għal użu speċjali. Għalhekk, l-għażla 3 “applikazzjoni” twarrbet.

4.2.2. X'inhuwa l-istrument legali l-aktar xieraq?

L-aktar deċiżjoni importanti li trid tittieħed fl-għażla ta' strument legali hija kif sejjer jinqasam il-piż bejn il-livell tal-UE u l-livell nazzjonali. Dan jista' jsir permezz ta' Regolament, Direttiva jew Rakkomandazzjoni.

11 *Legal Aspects of Marine Environmental Data Framework Service Contract* (Aspetti legali ta' Kuntratt ta' Servizz ta' Qafas ta' Dejta Ambjentali Marittima), Nru. FISH/2006/09 – LOT 2, Rapport Finali – Ottubru 2008.

4.2.3. Kif għandu jiġi ġestit dan l-appoġġ?

EMODnet għandu jorbot lill-istituzzjonijiet tal-Ewropa flimkien f'qafas sostenibbli għall-benefiċċju ta' dawk li jużaw id-dejta. Kwalunkwe finanzjament għandu jgħaddi għand dawn l-istituzzjonijiet biex ikunu jistgħu jagħmlu dan. Filwaqt li hemm għadd kważi infinit ta' għażliet għall-amministrazzjoni ta' dan, tista' ssir distinzjoni bejn żewġ għażliet wiesgħin.

1. li jkomplu b'hal qabel f'oqsma speċifiċi bħas-sajd jew l-isparju u permezz ta' proġetti ta' riċerka għal perjodu ta' żmien limitat jew permezz ta' arranġamenti regolatorji *ad-hoc*.
2. iwaqqfu segretarjat – organizzazzjoni eżistenti jew korp ġdid – biex jamministra n-Netwerk.

5 | VALUTAZZJONI TAL-IMPATTI

5.1. X'għandha tagħmel l-UE?

5.1.1. Spejjeż operattivi

L-għażla 1, l-“assemblaġġ”, għandha tnaqqas ix-xogħol involut fl-iskoperta u l-aċċess għad-dejta. Meta l-kwistjoni tkun l-ispiża tad-dejta, l-adozzjoni ta' spiża marġinali minflok tal-irkupru tal-ispejjeż għandha tgħin ukoll biex jitnaqqsu l-ispejjeż. L-għażla 2, il-“għbir”, tista' tnaqqas il-ħtieġa għal osservazzjonijiet addizzjonali biex tintlaħaq il-preċiżjoni meħtieġa.

5.1.2. Kompetizzjoni

L-għażla 1, l-“assemblaġġ”, għandha iżżid il-kompetizzjoni, billi dawk li jiġbru d-dejta ma jibqgħux jokkupaw din il-pożizzjoni favorevoli fit-twassil ta' dawn il-prodotti. Din l-għażla tippermetti t-tkabbir ta' servizzi innovattivi ġodda. L-għażla 2, il-“għbir”, ma ggħib magħha ebda benefiċċju sinifikanti fil-kompetizzjoni.

5.1.3. Inċertezza

Infrastruttura ta' kejl aħjar għandha tnaqqas l-inċertezza fl-imġiba futura tal-oċeani. Din tippermetti aktar ċertezza mill-awtorità kummerċjali u pubblika fl-ippjanar għall-ġejjieni.

Aspett ieħor li jnaqqas l-inċertezzi huwa li jkun hemm aċċess aħjar għad-dejta eżistenti. Madankollu, jidher ċar li hemm b'żonn ta' aktar dejta. Għalhekk, l-għażla 2, il-“għbir”, ikollha benefiċċji addizzjonali minbarra dawk miksuba permezz tal-għażla 1, l-“assemblaġġ”. Billi huwa diffiċli li jsir addattament għal ġejjieni li għadu mhux magħruf, u minħabba li l-oċeani jikkontrollaw il-klima terrestri, sistema ta' osservazzjoni marittima aħjar hija probabbilment l-aktar kontribut effettiv li tista' tagħmel l-UE biex tgħin lill-Ewropa tadatta għat-tibdil tal-klima.

5.1.4. Spejjeż tal-implimentazzjoni

It-tħaddim ta' infrastruttura ġdida jnvolvi spejjeż ġodda li jeħtieġ li jiġu ġġustifikati mill-benefiċċji netti.

L-estimi inizjali għall-għażla 1 “assemblaġġ” jindikaw spiża ta' EUR 20 miljun fis-sena għal għaxar snin u EUR 11 miljun wara għaż-żamma u t-titjib. L-ispiża tista' tiġi bbilanċjata bi tnaqqis fil-finanzjament mill-baġit tal-Komunità għar-riċerka għal proġetti li għandhom l-għan li juru l-fattibilità ta' infrastruttura ta' dejta marittima⁽¹²⁾.

L-ispiża tal-għażla 2, il-“għbir”, tiddependi fuq l-ambizzjoni. Il-produzzjoni tal-programmi ta' monitoraġġ hija sikwit aktar ta' benefiċċju fit-tul għall-Ewropa minn soluzzjoni għal ħtieġa immedjata għall-Istat Membru kkonċernat. It-tagħmir “Continuous Plankton Recorder”, li pprova osservazzjonijiet uniċi tal-ekoloġija u l-bijogeografija tal-plankton fil-kosti tal-Atlantiku jiswa EUR 1.8 miljun fis-sena. EUR 3 miljun fis-sena ikunu jappoġġaw il-komponent Ewropew (EUR 8 miljun

Tabella 1 Estimi tal-ispejjeż u l-benefiċċji annwali tan-Netzwerk Ewropew ta' Osservazzjoni u Dejta Marittima, operattivi

IMPATT	Spiża jew benefiċċju	Għażla 1 appoġġ għall-ipproċessar u l-assemblaġġ tad-dejta (annwali)	Għażla 2 appoġġ għall-ġbir tad-dejta (addizzjonali għall-għażla 1)
Tnaqqis fl-ispejjeż operattivi	benefiċċju	EUR 300 miljun	
Żieda fil-kompetizzjoni	benefiċċju	EUR 60 miljun – EUR 200 miljun	
Inċertezza mnaqqsa	benefiċċju		EUR 220 miljun
Żieda fl-ispejjeż tal-implimentazzjoni	spiża	EUR 20 miljun ⁽¹³⁾	EUR 10 miljun – EUR 90 miljun

fis-sena) ta' Euro-argo – sistema globali dinjija ta' osservazzjoni tal-oċeani fuq il-post, ibbażata fuq sondi tal-profil li joperaw fl-ilma (*profiling floats*) awtonomi. Hemm imbagħad infiq ieħor li jkun aktar għali. It-twaqqif ta' Osservatorju Multidixxiplinarju Ewropew ta' Qiegħ il-Baħar (EMSO) jiġi jiswa madwar EUR 240 miljun bi spejjeż operattivi ta' EUR 32 miljun fis-sena. Ġie stmat li l-iżvilupp ta' mmappjar sonari b'aktar minn raġġ wieħed komplet tal-ilmijiet tal-Istati Membri tal-UE jiġi jiswa madwar EUR 50 miljun fis-sena għall-20 sena li ġejjin. Għalhekk, l-ispiża addizzjonali tal-għażla 2 meta mqabbla mal-għażla 1 għandha tkun ta' bejn EUR 10 miljun u EUR 90 miljun fis-sena.

Qabel tittieħed deċiżjoni finali dwar liema għażla għandha tiġi segwita, hemm bżonn ta' aktar informazzjoni. Il-Kummissjoni qiegħda tipproponi strument finanzjarju ġdid għall-politika marittima, li EUR 7.5 miljun fis-sena minnu se jrin jiġu assenjati għall-għarfien marittimu fil-perjodu 2011-2013. Dan ma għandux jipprovdi biss il-bażi għal deċiżjoni aktar informata iżda għandu, fih innifsu, jikkontribwixxi għall-għanijiet tal-inizjattiva tal-għarfien marittimu.

5.1.5. Sussidjarjetà

Kif indikat fit-taqsimu 2, in-natura transnazzjonali tal-kwistjoni tipprovdi ġustifikazzjoni qawwija għal azzjoni fil-livell tal-UE. Dan huwa ċarament validu għall-għażla 1 "assemblaġġ".

Għall-għażla 2, "ġbir tad-dejta", il-kwistjoni hija aktar kumplessa. Kwalunkwe appoġġ tal-UE ma għandux jiskoraġġixxi lill-Istati Membri milli jis-sodisfaw l-obbligi morali jew legali tagħhom biex jiġbru d-dejta. Madankollu, hemm preċedenti għal dan. L-UE diġà qiegħda tipprovdi madwar EUR 40 miljun għall-ġbir ta' dejta dwar is-sajd u medja ta' EUR 44 miljun ⁽¹⁴⁾ fis-sena għal dejta miksuba permezz tas-satellita.

Il-każ tas-sussidjarjetà għall-għażla 2 huwa aktar b'saħħtu meta l-monitoraġġ addizzjonali jsir barra mill-ilmijiet tal-Istati Membri. Madankollu, din mhijiex kundizzjoni neċessarja. Mill-osservazzjonijiet marittimi ma jibbenifikax biss l-Istat li fl-ibħra tiegħu jsiru l-osservazzjonijiet.

5.1.6. Proporzjonalità

Għaż-żewġ għażliet, l-azzjonijiet tal-UE għandhom iżidu l-valur għal dak li qegħdin jagħmlu l-Istati Membri b'riżorsi addizzjonali ta' bejn 2 u 5% ta' dak li qegħdin jonfqu diġà. Dawn ir-riżorsi għandhom jippermettu lill-Istati Membri sabiex jilħqu l-għanijiet tagħhom b'mod aktar effettiv u għalhekk huma proporzjonati. Dejta li tinġabar u ma tiġix sfruttata hija opportunità mitlufa.

13 Jekk wieħed jassumi programm ta' 10 snin biex jinbena EMODnet b'riżoluzzjoni 10 darbiet aktar ċara mill-ur-EMODnet attwali.

14 Permezz ta' GMES u b'suppożizzjoni li madwar 40% huma għall-osservazzjoni tal-ibħra u l-oċeani (DG ENTR dwar il-komunikazzjoni privata).

5.2. X'inhwa l-istrument legali l-aktar xieraq?

Id-definizzjoni tal-irwoli xierqa għall-korpi tan-Netwerk sejra teħtieġ id-definizzjoni ta' rwoli obbligatorji. Għalhekk, ir-rakkomandazzjonijiet u l-opinjoni mhumiex xierqa. It-traspożizzjoni f'liġi nazzjonali meħtieġa mid-Direttivi tista' tirriżulta f'piż amministrattiv akbar milli għar-Regolamenti. L-awtorizzazzjoni ta' miżuri li jiddefinixxu programmi ta' nfiq jew il-parteċipazzjoni minn aġenziji f'livell Ewropew jeħtieġa Regolament.

5.3. Kif għandu jiġi ġestit dan l-appoġġ?

Jekk l-affarijiet jibqgħu sejrini kif kienu sejrini qabel, b'definizzjoni, ma huwa ser ikun hemm l-ebda impatt (impatt żero) biex jiġu solvuti l-problemi identifikati.

Il-konsultazzjoni pubblika identifikat għadd ta' korpi li jkunu kapaċi jospitaw segretarjat iżda l-ebda mexxej. Għalhekk, sejħa għall-offerti għandha tkun l-aktar mod xieraq tal-identifikazzjoni tal-aktar soluzzjoni addattata.

6 | MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

Fuq il-bażi tal-prinċipji li l-indikaturi għandhom ikunu kwantitattivi u ma jimponu ebda piż tqil fuq il-ġbir tad-dejta, qegħdin jiġu proposti l-indikaturi li ġejjin.

Indikaturi tar-riżorsi

Ir-riżorsi użati biex jitmexxa n-Netwerk jinqasmu kif ġej:

- 1. l-ispiża tal-persunal tal-Kummissjoni;
- l-ispiża tas-segretarjat;
- riżorsi pprovduti għall-assemblaġġ u l-ipproċessar tad-dejta.

Indikaturi tal-produzzjoni

- L-għadd ta' parametri fejn hija disponibbli stampa kompleta tal-isforz għall-osservazzjoni Ewropea.
- L-għadd ta' parametri magħmula disponibbli biex jitniżżlu fuq baċiri tal-baħar kompleti.

Indikaturi tal-impatt

(Biex jitkejjel it-titjib fl-effikaċja operattiva).

- L-għadd ta' kumpaniji privati li jniżżlu d-dejta permezz tal-EMODnet.
- L-għadd ta' amministrazzjonijiet pubbliċi li jniżżlu d-dejta minn fuq l-EMODnet.
- L-għadd ta' dokumenti dwar ix-xjenza marittima ppubblikati f'"Nature" u "Science" mmexxija minn awturi Ewropej.

(Biex titkejjel il-kompetizzjoni miżjuda) l-għadd medju ta' offerenti għal kuntratti ta' servizzi tal-Kummissjoni li jirrikjedu dejta marittima.

(Biex jitkejjel it-tnaqqis fl-inċertezza) il-firxa ta' valuri għaż-żieda fil-livell tal-baħar fi żmien 50 sena li jintużaw fil-valutazzjoni tal-istrategġija tad-difiża tal-baħar tar-Renju Unit u l-Olanda.

Il-Grupp ta' Esperti ta' Osservazzjoni u Dejta Marittima sejjer ikompli jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar l-effikaċja ta' EMODnet u jagħmel enfasi fuq kwalunkwe nuqqas li jeħtieġ li jiġi indirizzat.

Il-Kummissjoni Ewropea

Għarfien dwar il-baħar 2020 – Dejta u osservazzjoni tal-baħar għat-tkabbir intelliġenti u sostenibbli

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

2010 — 24 pp. — 21 × 29.7 cm

ISBN 978-92-79-16456-9

doi:10.2771/6056

KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

Pubblikazzjonijiet mingħajr ħlas:


- permezz tal-Ħanut tal-Kotba tal-UE (<http://bookshop.europa.eu>);
- mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea jew mid-delegazzjonijiet. Tista' tikseb id-dettalji tal-kuntatt mil-link <http://ec.europa.eu> jew billi tibgħat fax f'dan in-numru: +352 2929-42758

Pubblikazzjonijiet bi ħlas:

- permezz tal-Ħanut tal-Kotba tal-UE (<http://bookshop.europa.eu>);

Abbonamenti bi ħlas (pereżempju s-serje annwali ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u *Ir-rapporti fuq kawżi li hemm quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea*):

- mingħand l-aġenti tal-bejgħ tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm).



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

ISBN 978-92-79-16456-9



9 789279 164569

